MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 175/2006

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR CARLO ELLUL)**

**VS**

**ALBERT ATTARD**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Albert Attard ta’ 48-il sena, iben John u Josephine nee’ Spiteri, imwieled il-Hamrun fil-15 ta’ Novembru 1957 u residenti 13, Azzopardi Street, Marsa u

detentur tal-karta tal-identita' numru 781857 (M) gie quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-17 ta' Frar 2006 fil-Marsa ghall-habta tad-9p.m. bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Mamo, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) lil John Mamo, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb ghall-istess John Mamo w ikkagunalu feriti hfief salv il-kumpilazzjonijiet bi strument li jaqta' u bil-ponta skond kif iccertifika Dr. Johanna Micallef Ellul, M.D. ;

3. Fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fil-waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna u cioe' ferriment fuq il-persuna ta' John Mamo, kellu fuq il-persuna tieghu u/jew fil-pussess tieghu xi arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artiklu 26 tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin u lok zamm kif ukoll garr strument li jaqta u bil-ponta cioe, sikkina, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Marzu 2006 (esebit a fol. 34 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Frar 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-17 ta’ Frar 2006, ghalll-habta tad-disgha ta’ filghaxija gewwa Triq Azzopardi, il-Marsa liema ncident kien wiehed tista’ ssejjahlu hekk ta natura familjari. Mill-provi fil-fatt irrizulta li Maruska Attard, bint l-imputat, u John Mamo, l-allegat vittma kellhom relazzjoni flimkien u minn din ir-relazzjoni twieled tifel. Ftit qabel inqala’ l-incident odjern l-imputat kien ittermina ir-relazzjoni ma’ Maruska Attard u din tal-ahhar flimkien ma binha minuri kienet marret tghix ma’ ommha u missierha il-Marsa. Mill-provi rrizulta wkoll li dakinhar tal-incident mertu ta’ din il-kawza John Mamo akkompanjat minn certu Josianne Baldacchino li kienet it-tfajla li kien qed johrog maghha dak iz-zmien John Mamo marru quddiem id-dar tal-imputat u nqala’ l-inkwiet bejn dawn tal-ahhar u Maruska Attard. Ma hemmx qbil dwar kif ezattament svolgew l-affarijiet bejn dawn it-tlieta min-nies appena msemmija izda hemm qbil li xi hadd cempel lil Pulizjia u li l-imputat, u cioe’ missier Maruska Attard wasal fuq il-post aktar tard meta kienu diga’ waslu l-Pulizija fuq il-post u kienu qed jippruvaw jikkalmaw l-affarijiet. Meta wasal l-imputat fuq il-post inqala’ ncident bejnu u bejn John Mamo fejn dan tal-ahhar sofra xi griehi li allegatament gew kagunati permezz ta’ sikkina li nstabet fuq il-post taht karozza mill-Pulizija u li l-imputat identifika bhala s-sikkina li huwa kien gab minn gewwa d-dar sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Il-griehi li sofra John Mamo kienu daqqiet superficjali f’zaqqu u gew klassifikati bhala griehi ta’ natura hafifa kemm minn Dr. Mario Scerri (ara rapport relattiv esebit a fol. 38 sa 54 tal-process) li kien gie nominat bhala espert fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li saret in konnessjoni ma’ dan l-incident, kif ukoll mit-Tabiba Joanna Micallef li ezaminat lil John Mamo fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa (certifikat relattiv inserit a fol. 33 tal-process u kkonfermat minn Dr. Micallef fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2006).

L-imputat kien irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Carlo Ellul dakinhar tal-incident (inserita a fol. 31 u 32 tal-process) fejn kien ikkopera mal-Pulizija u spjegalhom li aktar kmieni dakinhar huwa kien iltaqa' ma' John Mamo sabiex jikkonsenjalu xi affarijiet propjeta' tieghu u mbaghad mar ix-xoghol. Ghall-habta tad-9.00pm cemplitlu bintu Luana ta' tlettax -il sena u qaltlu li kien hemm John Mamo barra d-dar taghhom u li dan kien kiser il-hgieg tal-grada tad-dar taghhom u ta daqqa ta' ponn lil Maruska waqt li din kienet hierga mid-dar. L-imputat spjega li huwa ghalhekk cempel lil Pulizija sabiex imorru fuq il-post u huwa mbaghad mar bil-karozza tieghu lejn id-dar. Meta wasal fuq il-post sab li Pulizija diga' hemm u ra lil bintu Maruska b'wiccha bid-demm u lil Pulizija qed izommu lil John Mamo. Huwa jghid li meta dan tal-ahhar rah sgicca lil Pulizija u mar jigri ghalih u huwa ghalhekk dahal id-dar u gab sikkina bil-ponta mid-dar li biha ta daqqiet lil John Mamo. Kien l-imputat stess li wera din is-sikkina lil Pulizija.

Ikkunisdrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat li ttenta jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Mamo permezz ta' strument li jaqta', liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li ma giex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Mamo. Mill-provi rrizulta li meta huwa mar fuq il-post tal-incident sab lil bintu b'wiccha bid-demm u inoltre ra lill-imputat jisgicca llil pulizija li kienu qed izommuh u jmur jigri lejh. Huwa ghalhekk mar igib sikkina tal-kcina minn gewwa d-dar tieghu sabiex jiddefendi lilu nnifsu u spicca biex ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' John Mamo. Il-Qorti jidrilha li l-imputat rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli, u cioe' il-grad tal-prova rikjest mid-Difiza, li huwa gab is-sikkina minn gewwa d-dar u laqat lill-imputat sabiex jiddefendi lilu nnifsu u lil bintu li kienet diga' sfat imwegga mill-istess

John Mamo u li huwa ma kellu ebda intenzjoni li jikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-istess John Mamo.

Il-Qorti jidrilha li ma jikkonkorrux l-elementi sabiex jista’ jitqies li jista’ jitiqies li jissussisti r-reat kontemplat fl-ewwel akkuza u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Ill permezz tat-tieni akkuza l-imputat gie akkuzat li kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ John Mamo. Meta dan tal-ahhar xehed fl-udjenza tat-30 ta’ Gunju 2006 huwa ddikjara li kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li gara u kien ghalhekk qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tieghu u l-Qorti sejra ghalhekk tiddkjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda din l-akkuza u tasjtjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta’ John Mamo huwa kellu fil-pussess tieghu imitazzjoni ta’ arma regolari skond kif kontemplat fl-Artikolu 26  tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ma hemm ebda dubju li s-sikkina li kellu fil-pussess tieghu l-imputat taqa’ taht id-definizzjoni ta’ arma regolari skond dak kontemplat fl-Artikolu 64 (2)) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-imputat fl-istqarrija jammetti li huwa mar igib is-sikkina minn gewwa d-dar sabiex jiddefendi lilu nnifsu minn John Mamo u jghid ukoll li huwa ta daqqiet bl-istess sikkina lill-imsenmi John Mamo u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa. Ma hemm ebda dubju ghalhekk li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissususti r-reat kontemplat fl-Artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-imputat ser jinstab hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda ser jigi liberat mir-raba’ akkuza stante li kif diga’ inghad aktar il-fuq is-sikkina in kwistjoni hija sikkina tal-kcina li l-imputat gab minn gewwa r-residenza tieghu fejn del resto sehh l-incident de quo u ghalhekk huwa ma kellu bzonn ebda

licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm tali licenzja.

L-imputat ser jinstab wkoll hati tal-hames akkuza ghaliex ma hemmx dubju li l-agir tieghu jikkostitwixxi ksur ta’ paci pubblika skond kif kontemplat fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkusnidrat l-isfond li fih sehh l-incident de quo fejn l-imputat sab lil bintu mwegga mill-ex gharus taghha u fejn dan mar jigri ghalih appena huwa wasal fuq il-post. Il-Qorti qieset anki l-fatt li l-vittma hafer lill-imputat ghal dak li gara kif ukoll il-fatt li l-imputat mal-ewwel ikopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u fil-fatt kien huwa stess li ghadda s-sikkina in kwistjoni lill-istess Pulizija. In invista ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha u tenut kont tal-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija tista’ tghid wahda nadifa, l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza u wara li rat l-Artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 64(2) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. B’applikazjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ disa’ mija u disgha u sebghin ewro u disa’ ewro centezmu (979.09€) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti in konnessjoni ma’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------